MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Numru 61/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**John Borg**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn deċiżjoni tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fid-9 ta' Novembru 2011 dwar eċċezzjonijiet preliminari ta' l-akkużat. L-akkużat appella minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fl-14 ta' Novembru 2011.

**2.** John Borg kien akkużat, permezz ta’ Att ta’ Akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali fit-23 ta’ Diċembru 2010 (nru 61/2010) li: (1) b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, ikkommetta stupru vjolenti fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b’dan li d-delitt sar fuq persuna taħt l-eta` ta’ tnax-il sena u li d-delitt sar minn axxendent, tutur jew istitur fuq persuna taħt l-eta` ta’ tmintax-il sena, kif ukoll li d-delitt sar fuq il-persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew biż-żwieġ sat-tielet grad inkluživament; (2) b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, b’egħmil żieni kkorrompa persuna ta’ taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b’dan li d-delitt sar bi ħsara ta’ persuna li ma għalqitx l-eta` ta’ tnax-il sena, inkella bi vjolenza, u li sar minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu; (3) b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, bla ordni skont il-liġi ta’ l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, aresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha, b’dan illi d-delitt ikun sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta’ dik il-persuna.

**3.** Fir-rikors ta’ appell tiegħu l-appellant indika li kien qiegħed jappella mid-deċiżjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar l-ewwel erba’ eċċezzjonijiet tiegħu.

**4.** Permezz ta’ dawn l-ewwel erba’ eċċezzjonijiet fin-nota ta’ eċċezzjonijiet ippreżentata fl-14 ta’ Jannar 2011 l-akkużat appellant eċċepixxa:

“1. L-inammissibilita` tal-partijiet tax-xiehda ta’ Annabelle Abela (fols 134 – 137), Christine Abela (fols 138 – 141), Lyon Abela (fols 237 – 252), Jason Azzopardi (fols 152 – 154), Moira Azzopardi (fols 145 – 151) WPS 246 Diane

Cassar (fols 172 – 174) u PC 341 Jurgen Dalli (fols 182 – 185) li jikkostitwixxu *hearsay evidence*;

“2. L-inammissibilita` tax-xiehda ta’ Fiona Buttigieg (fols 232 – 233) u Fabianne Camilleri (fols 161 – 169) li jikkostitwixxu *hearsay evidence*, huma in parti bażati fuq opinjonijiet u m’għandhom xejn x’jaqsmu mal-każ u għalhekk intiżi biss biex jirrekaw preġudizzju inġust lill-akkużat;

“3. L-inammissibilita` tax-xiehda ta’ Dr Martin Micallef (fols 214 – 218) u Dr Joseph Saliba (fols 210 – 213) li jikkostitwixxu *hearsay evidence*, huma in parti bażati fuq opinjonijiet u m’għandhom xejn x’jaqsmu mal-każ u għalhekk intiżi biss biex jirrekaw preġudizzju inġust lill-akkużat;

“4. L-inammissibilita` ta’ Dok F redatt u preżentat minn Fabianne Camilleri (fols 170 – 171) in kwantu l-kontenut tiegħu bażat fuq l-opinjoni ta’ l-istess Fabianne Camilleri u li jikkostitwixxi *hearsay evidence*.”

**5.** Fil-partijiet rilevanti tas-sentenza taghha dwar l-ewwel erba’ eccezzjonijiet, l-ewwel Qorti qalet hekk:

“Illi d-difiża spjegat illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni mhijiex qed toġġezzjona għax-xhieda kollha indikata f’dak il-paragrafu iżda biss f’dik il-parti fejn jirrakkontaw dak illi semgħu mingħand ħaddieħor, liema xiehda tikkostitwixxi “hearsay evidence” u għalhekk għandha tiġi skartata.

“L-istess japplika għat-tieni, t-tielet u r-raba’ eċċezzjoni, bid-differenza illi hawnhekk si tratta ta’ tobba u “social workers” mhux nominati mill-Qorti u kwindi l-opinjonijiet tagħhom mhumiex ammissibbli.

“Għalhekk il-Qorti sejra tittratta dawn l-erba` eċċezzjonijiet flimkien.

“Ikkunsidrat:

“Jibda biex jingħad illi l-artikolu dispożittiv li jirrigwarda xhieda fuq kliem ħaddieħor jinsab fl-artikolu 598 tas-COCP reż applikabbli bl-artikolu 645 tal-Kap. 9.

“Bħala prinċipju l-artikolu jgħid li l-Qorti ma tiħux qies ta’ xhieda dwar fatti li x-xhud jgħid illi ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qallu ħaddieħor. Dana meta dan il-ħaddieħor ikun jista` jinġieb bħala xhud fuq dawk il-fatti. Għal dan l-artikolu pero` hemm eċċezzjoni li jagħti deskrizzjoni skond iċ-ċirkostanzi lill-Qorti li tieħu qies kliem xiehda dwar fatti li x-xhud jgħid illi ġie jafhom mingħand ħaddieħor. L-artikolu in kwistjoni huwa 599 “li tippermetti xhieda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu .......”

“Il-Qorti tirrileva li dana huwa każ delikat ħafna ta’ stupru li jinvolvi l-minuri, fejn l-unika persuna li tista` tixhed direttament fuq dak illi ġara hija l-minuri stess, tifla ta’ ħdax-il sena, li mhux mistenni minnha li tifhem dak li qed jiġri wisq inqas li tirrakkonta eżattament dak illi ġralha. Għalhekk peress illi din it-tifla tirrikorri għand il-ġenituri li, naturalment minn naħa tagħhom jirrikorru għand il-Pulizija u esperti fil-materja, hu mistenni illi dawn in-nies kollha involuti b’mod jew ieħor jagħtu x-xiehda tagħhom.

“Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fit-trattazzjoni tiegħu, dan ir-reat isir fil-moħbi u żgur mhux se jkun hemm xhieda okolari oltre l-partijiet involuti. Allura f’dan il-każ bil-fors trid taqa` fuq nies illi għandhom ix-xjenza dwar dan ir-reat. F’dawn iċ-ċirkostanzi bil-fors trid taqa` fuq ammont ta’ “hearsay” għax il-vittma zgħira wisq biex titkellem.

“Għalhekk huwa fl-interess tal-ġustizzja illi l-Qorti tara l-assjem tal-provi kollha mingħajr “a priori” twarrab xhud jew ieħor, għax dawn jistgħu jkunu l-leħen tal-istess allegata vittma fejn din waħedha ma tistax titkellem.

“Għalhekk din il-Qorti jidhrilha illi skond iċ-ċirkostanzi partikolari ta’ dan il-każ, ix-xhieda indikati mill-prosekuzzjoni huma ta’ “importanza sostanzjali” skond id-

dispost tal-artikolu 599 tal-Kap. 12 u għalhekk għandhom ikunu awtorizzati jagħtu x-xiehda tagħhom regolari *viva voce* quddiem il-ġurija.”

**6.** Minn dawn il-partijiet tas-sentenza tad-9 ta’ Novembru 2011 appella, kif ingħad, l-akkuzat, li talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f’dik il-parti fejn ma laqgħetx l-ewwel erba’ eċċezzjonijiet u minflok tilqa’ dawn l-eċċezzjonijiet u tikkonfermaha fil-bqija.

**7.** Fl-aggravju tieghu l-appellant jgħid illi huwa qiegħed joġġezzjona għax-xiehda tal-persuni indikati fl-ewwel erba’ eċċezzjonijiet in kwantu (i) il-*hearsay evidence* ma tistax tintuża malizjożament sabiex tikkorrobora provi li jsiru b’mod legali, u (ii) huwa risaput illi fis-sistema proċedurali tagħna l-opinjonijiet jistgħu jingħataw biss minn esperti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti jew mill-Qorti. Kull tentattiv biex din ir-regola tiġi kalpestata, isostni l-appellant, għandu jitwaqqaf mill-Qorti u mhux jiġi lakonikament kondonat minnha. Jgħid illi mhuwiex qed joġġezzjona ghax-xhieda *qua* persuni iżda ghax-xiehda ta’ dawk il-persuni mogħtija fl-istruttorja. Ma jsib ebda diffikulta` jekk dawk ix-xhieda jixhdu *viva voce* mingħajr ebda riferenza għal opinjonijiet u *hearsay evidence*. Iżda jinsisti li dawk ix-xhieda li x-xiehda tagħhom tista’ tkun bażata biss fuq opinjonijiet u *hearsay evidence* għandhom pero` jiġu esklużi *a priori*.

**8.** Fir-rigward tal-*hearsay evidence* l-appellant jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Cauchi** mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-16 ta’ Mejju 1997 fejn ġie osservat illi l-artikolu 599 tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti marġini ta’ diskrezzjoni kbira lill-Qrati, kemm dawk ċivili kif ukoll dawk ta’ ġurisdizzjoni kriminali għal dik li hi l-ammissjoni ta’ xiehda *hearsay*, iżda li tiċċita min-Noti ta’ Sir Anthony Mamo fejn jgħid li l-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili dwar *hearsay evidence*, fl-applikazzjoni tagħhom waqt ġuri, għandhom jiġu *“construed very much more narrowly than in their application to the Civil Courts or to Criminal Courts constituted without a jury”*.

**9.** L-appellant iżid jgħid illi ebda waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-artikolu 599 imsemmi ma hu applikabbli għall-każ u x-xiehda mertu ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu hija biss frott ta' malprassi llum diffuża f'ċerti awli fejn il-korroborazzjoni tipprova ssir permezz ta' xiehda li hija inammissibbli bħala prova tal-kontenut tagħha. Jgħid li mhuwiex qiegħed jikkontesta l-kontenut ta' l-artikolu 599 iżda biss li din id-disposizzjoni tiġi abbużata b'għanijiet li ftit li xejn għandhom x'jaqsmu mar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

**10.** Skont l-appellant lanqas ma jreġġi l-argument li mhux mistenni minn minorenni ta' hdax-il sena  li tifhem dak li qed jiġri u wisq anqas li tirrakkonta eżattament dak illi ġralha. Minorenni ta' ħdax-il sena, skont il-liġi tagħna, jista', anke jkollha responsabbilta` kriminali f'ċerti każijiet. Għalhekk tali argument ma jista' qatt japplika f'każ ta' persuna ta' dik l-eta`. L-appellant josserva wkoll illi l-minuri f'dan il-każ ser tkun maġġorenni meta tixhed fil-ġuri. Konsegwentement iqis preokkupanti d-dikjarazzjoni tal-Qorti Kriminali fis-sens li dawn ix-xhieda jistgħu jkunu l-leħen ta' l-allegata vittma fejn din waħedha ma tistax titkellem.

**11.** Fl-aħħarnett l-appellant jissottometti illi l-argumenti kollha li huwa għamel japplikaw ukoll għad-Dok. F redatt u preżentat minn Fabienne Camilleri, liema dokument huwa l-mertu tar-raba' eċċezzjoni tiegħu.

**12.** Din il-Qorti eżaminat ix-xiehda mogħtija fl-istruttorja mill-persuni msemmija mill-appellant kif ukoll eżaminat id-Dok. F, u jirriżultalha s-segwenti:

Annabelle Abela hija z-zija ta' l-allegata vittma. Xehdet dwar dak li kien qallha dwar l-allegat abbuż in-neputi tagħha Leon Abela u anke dwar dak li qaltilha l-allegata vittma. Xehdet dwar x'seħħ meta x-xhud ikkonfrontat lill-appellant kif ukoll dwar dak li qallha meta saqsietu jekk kienx wera l-*blue films* lill-allegata vittma.

Christine Abela hija n-nanna ta' l-allegata vittma. Xehdet dwar il-konfront bejn l-appellant u l-allegata vittma u dwar okkażjoni meta l-appellant kien qiegħed jaqra ktieb lill-allegata vittma waqt li kien mimdud fuq is-sodda.

Lyon sive Leon Abela huwa kuġin ta' l-allegata vittma u jidher li kien lilu li kellmet l-ewwel darba. Huwa xehed dwar x'irrakkontatlu u li kien qal b'dan liz-zija tiegħu Annabelle Abela.

Jason Azzopardi huwa missier l-allegata vittma u xehed x'qaltlu t-tifla u x'seħħ meta ħaduha għand l-Aġenzija APPOĠĠ.

Moira Azzopardi tiġi omm l-allegata vittma u xehdet dwar x'qaltilha t-tifla, dwar il-komportament tagħha u dwar it-trattament li ħaditha għalih. Xehdet dwar kif għal bidu ma setgħetx temminha u dwar x'wassalha biex tibda temmen. Xehdet ukoll dwar il-konfront bejn bintha u l-appellant. Xehdet ukoll dwar konfront ieħor bejniethom quddiem il-Pulizija.

W.P.S. 246 Diane Cassar xehdet dwar il-konfront li sar bejn l-appellant u l-allegata vittma fil-preżenza ta' Moira Azzopardi, u dwar li kienet xhud ta' l-istqarrijiet ta' l-appellant.

P.C. 341 Jurgen Dalli ukoll xehed dwar l-imsemmi konfront u dwar li kien xhud ta' l-istess stqarrijiet.

Fiona Buttigieg hija *clinical psychologist* u kull ma qalet kien li l-allegata vittma allegat magħha li kienet giet abbużata sesswalment minn zijuha diversi drabi u li hija kienet qed taħdem magħha fuq l-iżvilupp tagħha, fuq relazzjonijiet. Mistoqsija mill-Qorti: *"And she is progressing well?"* ix-xhud wieġbet: *"Yes."* Ma tat l-ebda opinjoni dwar il-mertu tal-każ.

Fabianne Camilleri hija s-*social worker* ta' l-allegata vittma u fix-xiehda tagħha bażikament kull ma għamlet kien li qrat il-kontenut tad-Dok. F li esebiet. Dan id-dokument ma jikkontjeni l-ebda opinjoni iżda biss dettalji ta' dak li x-xhud

qalet li rrakkontatilha l-allegata vittma. In kontro-eżami xehdet dwar inċident meta kellha xi erba' snin u rat lil missierha f'atti intimi ma' mara oħra.

Dr Martin Micallef huwa psikologu u xehed dwar xi testijiet li għamel lill-allegata vittma u li ndikaw li l-intelliġenza tagħha hija *border-line* man-normal. Ma ta l-ebda opinjoni dwar il-fatti tal-każ.

Dr Joseph Saliba huwa konsulent psikjatra u xehed li l-ewwel li kien ra lill-allegata vittma fl-2003 meta allegatament kienet rat attivita` sesswali bejn missierha u nisa oħra fil-preżenza ta' ommha u anke rat lil ommha tiġi maħqura. Imbagħad raha in konnessjoni ma' allegati abbużi sesswali fl-2007. Irrefera għall-IQ test li sar minn Dr Micallef u esprima l-opinjoni tiegħu dwar is-sinifikat ta' tali test.[1]

**13.** Il-kwistjonijiet imqajma f'din il-kawża gew ventilati wkoll fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi** deċiża mill-Qorti Kriminali fl-24 ta' Ottubru 2011 u kkonfermata minn din il-Qorti kif komposta fil-5 ta' Lulju 2012. Bħal f'dik il-kawża, l-argument ewlieni tad-difiża huwa li x-xhieda tan-nies indikati fl-ewwel tliet eċċezzjonijiet hija *'hearsay'* jew opinjoni jew it-tnejn.

**14.** Issa, l-artikoli relevanti dwar il-*Hearsay Rule* huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9:

**"598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.**

---

[1] Fix-xiehda tiegħu ta' l-4 ta' Frar 2010 Dr Joseph Saliba qal: "Verament li d-djanjożi ma tistrieħx biss fuq l-*IQ testing* pero` ma' dan kollu wieħed jieħu idea meta ngħidulkom l-*IQ* kien 73 kemm kienet qiegħda *borderline*. Oltre hekk meta wieħed iħares lejn is-*sub-test* tagħha kellha problemi kbar fix-*short-term memory* kif ukoll fl-*information*. Dawn huma zewg *sub-tests* li jirriflettu l-kapacita` tagħha intellettwali illi tiftakar ċertu dettalji tfisser illi jista' jkun li allavola qiegħda tgħid il-verita`, u hawnhekk forsi dieħel fl-ambitu ta' *expert opinion*, imma tfisser li jista' jkun tkun qed tgħid il-verita` pero` l-istampa tagħha ma toħroġx kredibbli għax hi tkun qiegħda tħawwad fuq ċerta dettalji minkejja l-possibilita` li verament fuq il-fatti essenzjali jew fuq ċerti fatti hemm ċerta l-verita`."

**“(2) Il-qorti tista’, *ex officio*, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.**

**“(3) Iżda l-qorti tista’ ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.**

**“599. Il-qorti tista’, skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jistax jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort’oħra, l-aktar f’każijiet ta’ twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta’ servitu’, ta’ rjieħ ta’ immobbli, ta’ pussess, ta’ drawwiet, ta’ ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta’ reputazzjoni jew ta’ fama, ta’ kliem jew fatti ta’ nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta’ fatti oħra ta’ interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.”**

**15.** Fis-sentenza taghha ta’ l-24 ta’ Ottubru 2011 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Mario Azzopardi**, il-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta’ inammissibilita` wara li kkunsidrat:

**“Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b’approvazzjoni dwar il-*hearsay rule* f’kawżi ta’ natura kriminali huwa *Subramaniam v. Public Prosecutor* fejn insibu dan il-kliem:**

**“*‘Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the***

***statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'***

**"Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu.**

**"Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-*hearsay rule* fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il-każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.**

**"Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun *hearsay*, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi eskluża fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.**

**"F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-*hearsay rule*. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja[2]). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:**

[2] Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja**, 26 ta' Mejju 2005: "Kwantu ghax-xiehda ta' Clarissa Cachia l-ewwel Qorti kienet ċara meta spjegat li l-kontenut ta' dak li qalet lill-Pulizija, fl-assenza tax-xiehda diretta tagħha, ma kienx jagħmel prova la kontra u lanqas favur l-akkużat. Mill-banda l-oħra spjegat korrettement li ċ-ċirkostanza li qalet

**"'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 ta' April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)."**

**16.** Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju 2012 fl-istess ismijiet **Ir-Repablika ta' Malta v. Mario Azzopardi** mbaghad din il-Qorti kienet ikkummentat hekk:

**"18. … fid-dawl tal-fatt li fost il-provi tal-prosekuzzjoni hemm xhieda diretti tal-fatti in kawża allegati (fosthom il-minuri allegatament vittmi tar-reati dedotti fl-att tal-akkuża), din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura dwar il-mod kif l-ewwel Qorti esprimiet ruħha dwar ir-regola tal-*hearsay evidence* li ġiet minnha spjegata tajjeb. Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex**

---

ċertu diskors setgħet tittieħed bhala ċirkostanza li tikkorrobora dak li seta' qal ħaddieħor."

**tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża *a priori* iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.**

**19. Hekk, jekk tiġi messa in dubbju l-kredibilita` jew il-veridiċita` ta' xhud, speċjalment jekk dak ix-xhud ikun persuna minuri, il-prosekuzzjoni ma tistax legalment tiġi mċaħħda mill-possibilita` li tikkorrobora dik ix-xiehda bil-mezzi li tagħtiha l-liġi, inkluż it-tip ta' xiehda li ssemmiet hawn. Daqstant ukoll jekk tinqala' xi kwistjoni dwar jekk ix-xhud ikunx qiegħed jiftakar sew dak li jkun qiegħed jixhed dwaru jista' jkun meħtieġ li jiġi eżerċitat kontroll ta' dik ix-xiehda bil-mezz tax-xiehda ta' ħaddieħor dwar dak li jkun qallu l-istess xhud fiż-żmien relevanti. F'dawn l-eventwalitajiet, kif ingħad mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ikun mistenni li l-ewwel Qorti tispjega lill-ġurija l-portata u l-limiti tal-valur tax-xiehda ta' persuna li tixhed dwar x'qal ħaddieħor. Naturalment, hu ugwalment mistenni li l-ewwel Qorti ma tammettix ix-xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk mhux unikament għall-għanijiet u fil-limiti permessi mil-liġi kif gia` spjegat. Mill-mod kif ippronunzjat ruħha l-ewwel Qorti dwar dawn l-eċċezzjonijiet din il-Qorti ma għandhiex raġuni taħseb li l-ewwel Qorti ma hix ser tikkonforma ruħha ma' dak li hi stess stabbiliet li hi l-pożizzjoni legalment korretta dwar xiehda ta' kliem ħaddieħor, liema pożizzjoni qed tiġi wkoll konfermata f'din is-sentenza.**

**20. Mill-mod kif ġie spjegat l-aggravju tal-akkużat appellant f'dan ir-rigward jidher li l-akkużat hu konsapevoli tal-pożizzjoni legali dwar il-*hearsay* kif spjegata kostantement mill-Qrati tagħna u li din hi fis-sens kif spjegat mill-ewwel Qorti iżda dak li jidher qiegħed iħasseb lill-akkużat appellant hu l-abbuż li jista' jsir mir-regola msemmija dwar il-*hearsay* peress**

**li dak li jkun qal ħaddieħor jista' jiġi malizzjożament użat sabiex minflok biex jikkontrolla dak li jkun xehed ħaddieħor jew sabiex jikkorrobora provi diretti oħra jintuża sabiex effettivament jissostitwixxi dik ix-xiehda ta' ħaddieħor jew dawk il-provi diretti l-oħra.**

**21. Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużat fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skont il-liġi."**

**17.** Dak li ntqal f'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi** fis-sentenzi ta' prim'istanza u tat-tieni istanza japplika *mutatis mutandis* għall-każ odjern.

**18.** Din il-Qorti għalhekk tikkonkludi kif ġej. Ma taqbilx ma' dak li qalet l-ewwel Qorti f'dan il-każ li x-xhieda huma ammissibbli għax jistgħu jkunu l-leħen tal-istess allegata vittma fejn din waħedha ma tistax titkellem. Huma ammissibbli għas-sempliċi raġuni, fid-dawl ta' dak li ntqal, li l-fatt li ħafna mix-xhieda xehdu dwar dak li qaltilhom l-allegata vittma jew min minnhom, ma jrendihomx xhieda inammissibbli. Sta ghall-Imħallef togat waqt il-ġuri biex jara illi ma jsirx abbuż fit-termini tas-sentenza precitata billi jikkontrolla x-xhieda u jispjega lill-ġurati r-regoli tal-*hearsay* kif indikat f'dik is-sentenza. Inoltre ma jistax jingħad illi l-allegata vittma ma setgħetx titkellem, u dan għax irrakkontat lil diversi persuni, u anke lill-Qorti Istruttorja, dwar dak li allegatament għaddiet minnu. Kwantu għal xi opinjonijiet espressi minn min ma kienx maħtur bħala espert mill-Qorti, jekk ikun neċessarju, waqt is-smigħ tal-ġuri, l-Imħallef Sedenti jista' jwissi jew iwaqqaf lix-xhud jekk jara li dan ser jesprimi xi opinjonijiet. Imbagħad għal dak li jirrigwarda d-Dok. F huwa evidenti li dan id-dokument ma jikkontjeni l-ebda opinjoni iżda biss

notamenti tax-xhud dwar dak li allegatament irrakkontatilha l-allegata vittma.

**19.** F'dawn iċ-ċirkostanzi l-appell ma jimmeritax akkoljiment.

**20.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta' l-akkuzat John Borg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------